MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 42/2005

**Andrew Spiteri**

**Vs**

**Anthony Camilleri**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta’ Jannar 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm188.90 (mija tmienja u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu) rapprezentanti danni sofferti ghal telf ta’ xoghol.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm188.90) rapprezentanti din is-somma danni kkagunati mill-konvenut lill-attur meta l-konvenut ipparkeggja l-vettura tieghu Volks Wagen

Passat bin-numru VWP 857 b'mod illegali b'tali mod illi l-attur ma setax jghaddi bil-coach tieghu waqt li kien qieghed iwassal it-turisti bil-konsegwenza illi x-xoghol kellu jaghtih lil haddiehor u ghamel telf fl-ammont hawn mitlub.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi meta l-imsemmi attur gie imharrek legalment permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Awissu 2004 li nharget fl-ismijiet First Insurance Brokers Ltd vs Andrew Spiteri, u li nharget kontra l-attur fir-rigward tal-istess incident indikat fl-Avviz tat-talba, l-attur hallas is-somma ta' Lm181.50 a saldu tal-ammont debitament pretiza ghad-danni kkagunati u b'tali pagament huwa ammetta r-responsabilta` tieghu ghall-akkadut indikat u kwindi ma jistax issa jitlob tali rimbors.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi dina hija l-kawza partikolari fis-sens li qed issir talba ghal danni minhabba parkegg hazin fit-triq.

L-attur ma setax jghaddi mit-Triq u pprova jghaddi izda baqa mwahhal mal-vettura tal-konvenut. L-attur ikkompensa lis-socjeta` assiguartrici tal-konvenut tal-hsara minnu kagunata fil-vettura tieghu. L-attur jallega li tilef ix-xoghol minhabba n-nuqqas tal-konvenut.

Gie allegat li l-konvenut kien ipparkjat hazin fuq il-"yellow line". Li kieku kien hekk, zgur li l-pulizija investigattiv kien jinkludiha fir-rapport tieghu u jipprocedi kriminalment kontra l-konvenut. Minn dan kollu, ma rrizulta xejn. Gie stabbilit li meta l-attur gie rinfaccat b'talba ghal hlas dana

qabad u hallas minghajr ebda rizerva u/jew nuqqas ta' pregudizzju.

Sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici irid jigi ppruvat in-nuqqas tal-konvenut. Fejn ipparkja, ma kien hemm l-ebda projbizzjoni. Veru li t-toroq lokali qed jickienu u jidjiequ. Pero' huwa oneru aktar ingombranti fuq kull sewwieq li jara li jghaddi minn toroq accessibli ghalih. Huwa sintomatiku n-nuqqas tal-attur li jigbed l-attenzjoni tal-pulizija a tempo vergine! Ossia issa tant li saret din l-enfasi kollha f'dawn il-proceduri.

Jiddeciedi t-Tribunal fuq ksur ta' meta il-principji ordinarji ma jwasslux ghall-gustizzja, pero' fil-kaz odjern l-attur ma jirnexxilux jipprova l-kaz tieghu fil-konfront tan-nuqqasijiet u/jew ommissjonijiet tal-konvenut.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------